Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT- DISA' U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 11 ta' Settembru 2013

**Ħin:** Mill-9.05am sat-10.45pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmienja u Għoxrin laqgġa u Tmienja u Għoxrin laqgħa aġġornata tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tmienja u Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 14 ta' Awwissu 2013 u t- Tmienja u Għoxrin laqgħa aġġornata ta' l-Erbgħa 21 ta' Awwissu 2013 rispettivament. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier s- Sur Stephen Gatt xtaq jagħmel korrezzjoni fil-minuti tal-laqgħa li saret fl-14 ta'Awissu 2013 fejn f'*item* Nru 2 paġna 2 it-tielet paragrafu fl-aħħar jidħlu l-kliem "*qed jintilfu €1000 kuljum*". Il-Kunsill approva.Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kiteb lill-PPCD fejn bħala Project leader talab li s-surplus tal-fondi allokati mill-EU jintuzaw biex jiġu restorati iz-zuntier tal-Knisja kif ukoll ix-Xelter li jinsab ġo Pjazza Bertu Fenech bħala parti mit-tisbieħ tal-Pjazza.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara rrimarka li l-Kunsilliera għandhom jiġu infurmati b'mod dettaljat b'dak kollu li jkun għaddej fuq il-proġett. Huwa sostna li s- Segretarju qed jinfurma biss lis-Sindku li tiegħu huwa l-Project Leader u mhux lill-Kunsill kollu. Il-Project Administrator li kellu l-Kunsill kien jagħmel dan ix-xogħol li jinfurma lill-kullħadd bix-xogħolijiet li jkunu għaddejjin.

Is- Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-kontribut li qed jagħti in konnessjoni mal-proġett u li qed joħodlu ħafna mill-ħin biex jagħmel ix-xogħol propju tiegħu ta' amministrazzjoni qed isir kollu bil-'bona

volonta’ tiegħu u qed jiffranka eluf ta’ euros lill-Kunsill għaliex mhu qed jingħata ebda kumpens kif kien jieħu l-Project Administrator għal dawn l-aħħar sittax il-xahar. Is-Segretarju kompla qal li jekk il-kunsill jidhirlu li mhux qed tingħata bizzejjed informazzjoni, sempliċement iqabbad Project Administrator għal-kumplament tal-proġett u huwa jkompli jaqdi r-reponsabbilitajiet tiegħu ta’ Segretarju Eżekuttiv.

Is- Sur Desmond Zammit Marmara’ sostna li xi ħadd responsabbli hemm biex jinfurma lill-Kunsilliera b’dak kollu li qed jiġri. Huwa qal li huwa l-uniku persuna li jagħti informazzjoni dettaljata ta’ dak kollu li jiġri fis-sottokumitat tiegħu.

Is-Sur Zammit Marmara talab lill-Kunsill li kemm jista’ jkun il-Kunsill ikun infurmat biex xogħolijiet li jkun saru jew ser isiru fil-lokalita’. Is- Sindku ma sabx oġġezzjoni u t-talba tal-Kunsillier ġiet aċċettata u ser tiġi implimentata.

## 3. Kwotazzjonijiet- Lejla Interkulturali Balzanija

Tpoġġew fuq il-mejda kwotazzjonijiet tas- *sound*, dawl u *stage* in konnessjoni mal-Festa Kultura li ser nhar il-11 ta’ Ottubru, 2013 u li kienu dawn.

| **Sound** | **Dawl** | **Stage** |
|---|---|---|
| Supreme - € 425 | Supreme - € 175 | Supreme - € 290 |
| Studio 7 - € 625 | Studio 7 - € 196 | |
| Transient - € 1293 | Transient - € 555 | |

Il-Kunsill għażel li jmur għall-irħas offerta li kienet ta’ Supreme. Il-Kwotazzjoni ġiet approvata.

## 4. Tender S.S. 1/13-Knis tat-Toroq-Ħatra ta’ Kumitat ta’ Aġġudikazzjoni

Is- Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li s-sottomissjonijet tat-tender ser jagħalqu nhar il-Ġimgħa, 13 ta’ Settembru 2013 u li hemm bżonn jinħatar kumitat ta’ aġġudikazzjoni. Il-membri li ser jiffurmaw dan il-bord huma il-Viċi Sindku s- Sur Joe Galea u l-Kunsilliera s- Sur Stephen Gatt u s- Sur Desmond Zammit Marmara’.

## 5. Korrispondenza

Ittra Nru. 3153: Talba biex issir reserved parking quddiem dar nru 268, Triq il-Ferrovija. Il-Kunsill talab lis- Segretarju biex jikteb lill- Transport Malta.

Ittra Nru 3167: Ittra mingħand il- Kunsilliera eletti f’isem il- Partit Nazzjonalista fejn qed iħeġġu lill-partijiet kollha kkonċernati jaderixxu mas- deadlines stipulati fit-tfassil tal-proġett tat-tisbieħ ta’ Pjazza Bertu Fenech.

Ittra Nru 3168: Memo 17/2013 Għajnuna Finanzjarja għall-live streaming fejn il-Kunsill ingħata s-somma ta’ € 2300 f’għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett mid- Dipartiment għall- Gvern Lokali.

Ittra Nru 3169: Email mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport fejn talbu lill-Kunsill biex l-attivita’ ta’ l-Aerobics ġewwa Ħal Balzan tinzamm f’ data oħra għaliex ma kienx hemm instructors. Il-Kunsill ddeċieda li dawn isiru fl-aħħar ta’ Ottubru.

Ittra Nru 3172: Talba ta’ permess biex isiru xogħolijiet in konnessjoni mal-proġett Nazzjonali tan-National Flood Releif. Il-Kunsill talab lis- Segretarju biex jikteb lit- Traffic Management ta’ Transport Malta biex Triq Il-Ferrovija issir one way temporanja u tintuza s-slipway ta’ Triq Mdina sakemm jitlestew x-xogħolijiet.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 6. <u>Rapport dwar l-Ilmenti</u>

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 7. <u>Komunikazzjoni tas- Sindku</u>

Is- Sindku wera s-sodisfazzjon tiegħu li x-xita li għamlet bil-qalil dan l-aħħar ma' ħalliet ebda impatt negattiv fuq x-xogħlijiet li saru s'issa fil-Pjazza. Huwa qal ulkoll li hekk kif wasal fi tmiemu dan il-proġett iridu nibdew naħsbu għal-ftuħ uffiċċjali tal-pjazza.

Is- Sindku talab lis-Segretarju biex jikteb lis- sidien ta' dawk il-postijiet jew propjeta' fejn ser jitwaħħlu l-*locality signs* biex il-Kunsill jingħata permess biex dawn jitwaħħlu.

## 8. <u>Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash</u>

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-11 ta' Settembru 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 23,137.44.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Guido Borg li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Is- Segretarju Eċekuttiv poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni għat-tindif tal-ġibjun li instab fil-pjazza li jammonta għas-somma ta' € 2034.51. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

## 9. <u>Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>

Is- Sur Desmond Zammit Marmara' ressaq xi ilmenti tar-residenti li joqgħodu fi triq Il-Kbira ki ukoll ilment minn xi membri tas- Soċjeta Filarmonika Marija Annunzjata.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara ta xi tagħrif fuq il-ktieb li ser jiġi ppublikat bl-isem "Ħal Balzan Kif nafu Jien" u li ser jitqassam waqt l-attivita' Festa Kultura.

Is- Sur Guido Borg ssuġerixxa li hekk kif il-Pjazza hija magħluqa issir il-bankina fi Triq Idmejda.

Il-Viċi Sindku nfurma lill-Kunsill li l-*main* tad-dawl tal-playing field ser jitwaħħal f'post ieħor minħabba l-umdita' li fiħ l-istore li jinsab hemmhekk.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 2 ta' Ottubru 2013 fid-5pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data